Kunsill Reġjonali Għawdex

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 150/2026**

**Il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, 2026**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* tal-Kunsill Lokali tal-Għarb (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Steven Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Victor Curmi | Sindku, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Nadur

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Fontana
Kunsill Lokali San Lawrenz

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**150.1 Talba.**

150.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

150.1.2 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi irringrazzja lis-Sindku tal-Għarb tal-ospitalità' u kordjalità.

**150.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

150.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 149 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**150.3 Korrispondenza.**

150.4.1 Ir-Reġjun ta' Għawdex irċieva korrispondenza mingħand is-Sur George Farrugia fi ħdan l-uffiċċju tal-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Annimali fejn informa lir-Reġjun li l-Kummissarju, Dr. Abela mhux ser tkun tista' tattendi din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi mhux previsti. Din il-korrispondenza waslet għand ir-Reġjun ilbieraħ tard wara nofsinhar. Huma talbu sabiex tiġi organizzata din il-laqgħa f'ġurnata oħra u preferibbilment filgħodu. Is-Sindki qalu li minħabba mpenji ta' xogħol ma jistgħux jattendu filgħodu.

150.3.2 Ir-Reġjun Għawdex ġie nformat li ser issir il-laqgħa annwali tal-ERA mal-Kunsilli Reġjonali / Lokali nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2026. Huma stiednu lill-Kunsilli u Reġjuni biex jibgħatu suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati għal fuq l-aġenda. Il-membri preżenti qablu li għandu jintbagħat in-nuqqas ta' taħrikiet u twissijiet mill-ERA f'Għawdex, kif ukoll in-nuqqas ta' infurzar.

150.3.3 Ir-Reġjun Għawdex irċieva risposta mingħand l-ERA wara li r-Reġjun bgħat ittra li tindirizza l-artiklu li deher fil-pubblikazzjoni Newsbook (Ara minuti 149.3.5). Fir-risposta tagħhom, ir-Reġjun ġie informat li fil-gazzetta dehret informazzjoni dwar kontravenzjonijiet li jinkludu reati ambjentali oħra u mhux biss dawk dwar skart. Huma qalu wkoll li dak li deher fil-gazzetta huma ta' skedi ta' żmien differenti u għalhekk huma kemxejn inkomparabbli. Il-President talab sabiex il-Maniġer tal-iskart jivverifika l-informazzjoni mogħtija mill-ERA.

150.3.4 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem il-Lions Club Sliema dwar inizzjattiva umanitarja b'mod partikolari fuq kawżi relatati mal-vista. Bħala parti minn din il-missjoni, din l-organizzazzjoni qed tiġbor nuċċalijiet użati, frames u lentijiet li imbagħad jiġu rinnovati u mibgħuta lil komunitajiet fil-bżonn ġewwa pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Ir-Reġjun stieden lill-Kunsilli sabiex jieħdu sehem peress ta' avviżi fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom u r-Reġjun jieħu ħsieb jiġbor dawn il-nuċċalijiet minn kull Kunsill Lokali biex jintbagħtu għand il-Lions Club. Is-Sindku tax-Xagħra staqsa għaliex ma nagħtuhomx fondi minflok din l-inizzjattiva. Il-President qal li din inizzjattiva sabiex jsir użu minn dawn minflok li jintremew. Din il-korrispondenza ser terġa tintbagħat lill-Kunsilli Lokali.

150.3.5 Ir-Reġjun irċieva l-istatistika mingħand l-ERA dwar l-ispezzjonijiet, kontravenzjonijiet u twissijiet maħruġa minnhom fl-aħħar kwart tas-sena 2025. Kien hemm 115 il-spezzjoni, 4 kontravenzjonijiet u l-ebda twissija.

150.3.6 Ir-Reġjun Għawdex ġie nnotifikat li s-Sur David Apap Agius, Sindku tal-Għarb ġie maħtur Chairman tal-GAGF (Gozo Action Group Foundation). Ir-Reġjun ġie nformat ukoll li f'nofs is-sena 2026 ser tispiċċa it-terminu tal-kumitat tad-deċiżjonijiet.

150.3.7 Ir-Reġjun Għawdex irċieva kopji ta' emails mibgħuta mingħand ic-Chairman tal-Fondazzjoni Victoria 2031 u mingħand is-Sindku tar-Rabat (Ċitta Victorià) dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni u impenn minn naħa tal-Gvern Ċentrali għall-preparazzjoni tat-tieni bid book. Fin-nuqqas ta' impenn finanzjarju mill-Gvern Ċentrali l-fondazzjoni mhux ser tkun tista' tkompli bil-ħidma tagħha. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat (Ċittà Victoria) ma jiflaħx għal dan il-piż finanzjarju. B'riżultat ta' dan, l-applikazzjoni ta' Malta għat-titlu ta' European Capital of Culture 2031 ikollha tiġi rtirata.

## 150.4 Laqgħa mal-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Annimali, Dr. Fleur Abela.

150.4.1 Din il-laqgħa ġiet posposta peress li l-Kumissarju ma setgħetx tattendi.

## 150.5 Approvazzjoni tar-Raba Rapport ta' Kull Kwart 2025.

150.5.1 Ġie ppreżentat ir-raba rapport ta' kull kwart tas-sena 2025. Dan kien ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant, ġie ikkunsidrat li nqara. Is-Segretarja tat rendikont qasir tal-figuri u nformat lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex jinsab f' pożizzjoni finanzjarja tajba. Ir-rapport ġie approvat.

## 150.6 Approvazzjoni tal-Baġit għas-sena 2026.

150.6.1 Ġie ppreżentat il-baġit tar-Reġjun Għawdex għas-sena 2026. F'dan il-baġit hemm allokazzjoni sabiex jibda x-xogħol fuq il-premises il-ġdid tar-Reġjun. Hemm inkluż ukoll attivitajiet għas-sena tal-Gastronomija. L-allokazzjoni tar-Reġjun żdied minħabba ż-żidiet tas-salarji. Il-maġġur parti tad-dħul u infieq tal-fondi tar-Reġjun Għawdex huma id-dħul u l-ispejjeż ewlenin huma relatati mal-ġbir u r-rimi tal-iskart. Il-baġit ġie approvat mill-membri preżenti.

## 150.7 It-Tnedija tal-Virtual Reality ta' Għawdex.

150.7.1 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex ġie mistieden mill-Kunsill Reġjonali tal-Lvant sabiex jieħu sehem fi proġett intitolat 'virtualmalta.com'. Huma talbu sabiex Għawdex ikun parti minn dan il-proġett bi tmien tours VR ta' diversi siti ta' wirt / mogħdijiet tan-natura f'Għawdex. Dan il-proġett huwa sponsorjat mill-MTA. Is-serje VR Gozo toffri vjaġġ komprensiv u immersiv madwar il-gżira, li jinkludi: Iċ-Ċittadella, iż-żewġ Teatri tal-Opra ta' Għawdex, il-Katidral ta' Santa Marija Assunta, il-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Mużew tal-Ħaġar, is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu u tours rurali VR li jenfasizzaw pajżaġġi u siti ta' wirt madwar Għawdex.

150.7.2 Il-proġett issa jinsab lest u ser issir it-tnedija tal-parti ta' Għawdex. Kien hemm ftehim mal-membri preżenti biex dan isir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2026. Il-post għal din l-attività għad irid jiġi konfermat. Ser ikunu preżenti membri tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, membri tal-Kunsill Reġjonali Lvant u l-MTA.

## 150.8 It-Tnedija tas-Sena tar-Reġjun Gastronomiku Ewropew.

151.8.1 Ir-Reġjun Għawdex ġie mogħti t-titlu ta' Reġjun Ewropew tal-Gastronomija għas-sena 2026. It-Tnedija uffiċjali ta' dan ser issir nhar il-Ħamis 26 ta' Frar fl-ITS fil-Qala (Institute of Tourism Studies). F'din l-attivita' ser ikun hemm diversi avvenimenti li jinkludu: diskussjonijiet, dimostrazzjonijiet, eżibizzjonijiet, u stalls tal-ikel. Huwa mportanti li jkun hemm preżenza minn kull Kunsill Lokali.

**150.9 Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni għall-Pożizzjoni ta' Maniġer tal-Fondi Ewropej u Lokali.**

150.9.1 Fil-preżent tinsab sejħa għal pożizzjoni ta' Maniġer tal-Fondi Ewropej/Lokali. Għal dan il-għan hemm bżonn li jinħatar bord ta' evalwazzjoni sabiex jintagħżel persuna għal din il-vakanza. Il-President ser ikun iċ-Chairman ta' dan il-bord bid-dritt tal-vot u s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun is-segretarja ta' dan il-bord. Ġew maħtura Sindku u Viċi Sindku sabiex iservu fuq dan il-bord. Is-sejħa tagħlaq fis-6 ta' Frar 2026.

**150.10 Materji Oħra.**

150.10.1 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi informa lill-membri preżenti sabiex dawk il-lokalitajiet li sofrew minn ħsarat mill-maltempata "Harry" jagħmlu rapporti mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ġie mħabbar fl-aħbarijiet. Fir-Reġjun diġà daħlu iżjed minn doppju l-ilmenti li ssoltu jidħlu f'xahar. Dawn daħlu fiż-żmien ġimgħa.

150.10.2 Is-Sindku ta' Ta' Kerċem ilmenta dwar il-fatt li l-ħaddiema tas-CWS ittieħdu mill-Kunsill tiegħu biex jintbagħtu Kunsill ieħor mingħajr l-ebda notifika u sostituzzjoni. Is-Sindku kompla jgħid li dawn iffirmaw kuntratt mal-Kunsill u mhux suppost jittieħdu hekk. Hu talab li tintbagħat korrispondenza dwar dan.

**150.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi ta' Pagamenti.**

150.11.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 161 li kienet tammonta għal € 263,244.99.

**150.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.**

150.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Frar fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |